MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2269/2002

**Vincent Cuschieri Ltd.**
**Vs**

**Marie Therese Attard**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm231 (mitejn wiehed u tletin lira Maltin) bhala prezz ta' merci mibjughha lilha.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Qed jintalab li l-konvenuta tigi kundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn wiehed u tletin lira (Lm231) prezz ta' merci lilha mibjughha u kkonsenjati fit-Tastes Bar and Restaurant, Paceville.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 1999 u tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Gunju 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Dicembru 1996 sad-

data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-konvenuta mhix il-legittima kontradittrici stante li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici stante li l-fond dequo huwa gestit minn Ashmar Holdings Ltd.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni attrici hija infondata bil-fatt u bid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidra:-

Illi l-kaz in ezami hija sitwazzjoni anomala fis-sens li, una volta tahdem, hadd ma jaghti kaz. Pero' f' kaz ta' puntwalizzazzjoni, il-posizzjoni tigi kristallizzata.

Il-venditur ma jafx proprjament lil min qed ibiegh - una volta l-kontijiet dejjem thallsu. Ir-ricevitur hadd ma jaf minn hu, hlief meta jinqabez il-pagament. Ix-xhieda ta' John Cuschieri u tal-konvenuta hija lampanti. L-attur - "kellna kont miftuh mal-hanut. Ma taghmilx differenza ghalina. Ma niftakarx min kien hemm fuq il-post".

Il-konvenuta - kulhadd kien jordna fuq il-post - jiena bhala manager, il-barman, kok, l-owner. Kien qabel il-kawza l-hanut krieh lil haddiehor. Ghal ragunijiet taghha u ovvji, il-konvenuta naqset li tikkjama fil-kawza dik il-persuna jew persuni, li suppost kienu responsabbli ghal pagament. Ma sabet l-ebda prova da parti taghha dwar dan. Fil-konfront tal-proceduri odjerni, allura tigi konsiderata bhala li hija l-legittima kontradittrici.

Illi relattivament ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni, din hija regolata bl-Art 2156 (f) kap 16.- materja kummercjali kwinkwennali. Skond il-fatturi esibiti mill-attur a Fol 15 u 16, dana jinsallu ghad-data tad-19 ta' Dicembru 1996.

Il-kawza giet prezentata fit-18 ta' Settembru 2002. Ghalkemm isir riferenza ghall-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 1999, dina baqghet ma gietx prezentata bhala prova.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi bili fil-waqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jichad it-talbiet attrici. In vista tas-suespost, l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, anki ai fini ta' ekwita!

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------